# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru ħdax (11) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Tlieta 10 ta' Mejju, 2011, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| PREŻENTI: | | |
|---|---|---|
| | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti**

3. Is-sur Omar Schembri, Head kowċ tal-nursery, attenda l-laqgħa biex jidiskuti l-idejat tiegħu għal Skola Sajf 2011. Is-sur Schembri jemmen li għandna nibqaw nużaw l-istess forma tas-sena l-oħra, ħlief li nkolna tlett gruppi għal football u mhux tnejn biss.

4. Is-sur Schembri saqsa jekk jista jibukja l-ground kull nhar ta' Tlieta, Erbgħa u Ħamis bejn il-5.30-7pm mit-22 ta' Ġunju, għal għaxar ġimgħat. Peress li kien hemm min talab l-użu tal-ground għal perjodu twil fis-sajf, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għandu jara jekk hu possibli li dawn il-ġranet u ħinijiet jiġu kkonfermati.

5. Is-sur Schembri qal li t-tfal għandhom iħalsu €2 kull wieħed u li jieħdu 'token' tal-parteċipazzjoni.

6. Is-sur Schembri qal li l-Malta Football Association [MFA] se jibda league ta' 11-a-side għal U-13's. Kull tim għandu bżonn 25 il-plejer imma aħna mhux se nkolna daqshekk tfal. Għalhekk hemm ħsieb li nagħmlu tim ma' Ħal-Luqa biex nagħmlu tim flimkien. Il-kunsilliera approvaw l-intenzjoni li nibdew nieħdu sehem fil-league jekk possibli, imma jixtiequ iżjed informazzjoni fil-futur sabiex neliminaw problemi finanzjarji li jistaw jeżistu b'din il-kollaborazzjoni.

7. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għandu jara jekk il-Kunsill għandu mpenji oħrajn fis-17 ta' Ġunju, ħalli jekk le nagħmlu attivita biex niċċelebraw it-tmiem tal-istaġun tan-nursary. Id-diskussjoni mas-sur Schembri ntemmet fis-6.15pm.

8. Twaddbu xi flixken tal-birra mit-triq għall-bitħa tal-iskola u għalhekk il-kap tal-iskola tixtieq li l-ħaddiema tal-Kunsill jidħlu jneħu l-ħġieġ. Il-kunsilliera huma lesti biex joffru l-għajnuna imma jixtiequ li neliminaw il-problema u mhux li l-iskola jieħdu s-sigħat tal-ħaddiema tagħna biex ineħu l-ħġieġ.

9. Is-Sindku qal li ċempel lis-sinjura responsabli għad-Day Centre biex jikklarifikaw id-diskussjoni li kien hemm fil-laqgħa preċedenti. Se jiltaqaw, flimkien max-xuffier, matul il-ġranet li ġejjin.

10. Rigward Skola Sajf se nitolbu lill-kap tal-iskola għall-użu t'erbgħa klassijiet.

11. Id-Deputat Segretarju għandu jibgħat lil Perit Musumeci biex jistaqsi dwar il-€3000 garanzija li ħalasna lill-MEPA.

12. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għandu jikkomunika mal-Malta Standards Authority [MSA] biex jara meta huma ġejjin jagħmlu l-ispezzjonijiet tal-playgrounds.

**Korrispondenza**

13. Il-Kunsill irċieva email mill-għaqda filantropika 'Ward u Żgħar' li tgħin lill-familji b'ġenitur wieħed. Talbu biex il-Kunsill jinfurmawhom bl-attivitajiet li l-Kunsill jorganizza matul is-sena biex jinkluduhom fil-programmi tagħhom tax-xahar. Il-kunsilliera qablu li nibdew nagħmlu hekk.

14. Stephanie Fenech bagħtet informazzjoni rigward il-proġett għall-outdoor gym li qegħdin jippjanaw il-Kunsill Lokali taż-żagħżagħ ta' Safi. Waqt li l-kunsilliera għadhom lesti li jgħinu bil-proġett, huma jixtiequ jfakru li għandna nkunu konxju li jkun hemm iżjed storbju madwar l-post u għandna nagħmlu 'impact assessment' rapport dwar is-suġġett.

**Ħwejjeġ oħra**

15. Is-sur Publius Abdilla xtaq ikun jaf kif spiċċajna b'triq il-Karwija. Is-sindku rimarka li issa m'hemmx problemi minn naħa ta' MEPA u kkonfermaw li l-permessi ħerġin dax-xahar. Qal ukoll li l-kuntrattur aċċetta li jibda x-xogħol u li għandu jibda mill-ġurnata ta' wara l-laqgħa (mill-11/05/2011).

16. Is-Sindku qal ukoll li peress li hemm l-klandestini joqogħdu hemm, hemm min qed jieħu ħsieb li jiġu trasferiti x'imkien ieħor.

17. Is-Sindku nnota li l-applikazzjoni daħlet lil MEPA f'Mejju 2010 u t-target date kien fl-14 ta' Jannar, u għalhekk hu ilu jinsisti biex jinbeda ix-xogħol.

18. Is-sur Publius Abdilla xtaq informazzjoni dwar triq il-Kuċċard ukoll. Is-Sindku qal li l-istima għall-expropration qegħda ta madwar €600,000. Qal ukoll li Dr.Chris Said reġgħa ċċekja l-amont biex jara jekk kien hemm żbal, imma kien korrett.

19. Peress li jidher li hemm xi problemi dwar twessiħ ta' Triq il-Kuċċard, il-kunsilliera ddeċċidew li jerġgħu jqajmu s-suġġett fil-laqgħa li jmiss.

20. Is-sur Eddie Bonello xtaq ikun jaf jekk ġew tal-WaterWorks biex jirranġaw il-problema f-triq Rqaja. Anthony Attard ikonferma li iva.

21. Is-sur Bonello rrimarka li l-plakkek t'informazzjoni ta' fejn il-postijiet stproċo għandhom jiġu mnaddfa perjodikament.

22. Is-sur Jerome Busuttil qal li s-salib ta’ fejn l-għassa qed jitmejjel ftit. Anthony Attard għandu jibgħat lil Heritage Malta biex jinfurmahom.

23. Il-kunsilliera approvaw il-Payment Approval Sheets nos 10

24. Il-laqgħa intemmet fit-9.00pm.

25. Il-laqgħa li jmiss se tkun fis-26 ta’ Mejju 2011.

Approvati llum 26/05/2011

Sindku

Deputat Segretarju Eżekuttiv